

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Guy Kleynen

Konvenut: Conseil des ministres

Domanda preliminari

L-Artikoli 56 u 63 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 36 u 41 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jippermettux lil Stat Membru jintroduċi u jżomm fis-seħħ skema li tistabbilixxi tassazzjoni ogħla tal-interessi mħallsa mill-banek mhux residenti permezz ta' eżenzjoni fiskali jew rata ta' tassazzjoni iktar baxxa biss għall-interessi mħallsa mill-banek Belġjani?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Tivoli (l-Italja) fl-4 ta' Marzu 2013 — Francesco Fierro u Fabiana Marmorale vs Edoardo Ronchi u Cosimo Scocozza

(Kawża C-106/13)

(2013/C 141/26)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Tivoli

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Francesco Fierro u Fabiana Marmorale

Konvenuti: Edoardo Ronchi u Cosimo Scocozza

Domanda preliminari

L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet u tal-Libertajiet Fundamentali, moqri flimkien mal-Artikolu 6 (TUE, kif emendat bit-) Trattat ta' Lisbona kif ukoll mal-Artikoli 17 u 52(3) tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprekludi, mill-perspettiva tal-indhila sproporzjonat u irraġonevoli fid-dritt għall-proprjetà, anki jekk previst mil-liġi, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tar-Repubblika Taljana — b'mod partikolari l-Artikolu 33 tal-Liġi Nru 1150/42, li tippermetti lill-komuni li jirregolaw it-trasformazzjonijiet immobiliarji jew urbanistiċi fit-territorju tagħhom skont il-prinċipji ġenerali li jinsabu fl-imsemmija liġi kif ukoll fl-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 10/77, fid-diversi liġijiet adottati mir-Reġjuni u moqrija flimkien mal-Artikolu 2 tat-TU Nru 380/2001 u mar-regoli lokali ta' grad inferjuri (pjanijiet ġenerali ta' tisbiħ u regoli ta' implementazzjoni) kif ukoll fl-Artikolu 46 tat-TU Nru 380/2001, li jipprovdi n-nullità tal-atti ta' bejgħ fil-każ ta' tibdil fil-proprjetà immobbli mingħajr awtorizzazzjoni?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fis-6 ta' Marzu 2013 — Société Mac GmbH vs Ministère de l'agriculture, de l'agroalimentaire et de la forêt

(Kawża C-108/13)

(2013/C 141/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Société Mac GmbH

Konvenut: Ministère de l'agriculture, de l'agroalimentaire et de la forêt

Domanda preliminari

L-Artikoli 34 u 36 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta b'mod partikolari l-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq bħala importazzjoni parallela ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għall-kundizzjoni li l-prodott ikkonċernat jibbenefika, fl-Istat ta' esportazzjoni, minn awtorizzazzjoni maħruġa skont id-Direttiva 91/414/KEE⁽¹⁾, u, konsegwentement, ma tippermettix il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq bħala importazzjoni parallela ta' prodott li jibbenefika, fl-Istat ta' esportazzjoni, minn awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq bħala importazzjoni parallela u li jkun identiku għal prodott awtorizzat fl-Istat ta' importazzjoni ?

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 11, p. 332).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Ordinario di Firenze (l-Italja) fil-15 ta' Marzu 2013 — Paola C vs Presidenza del Consiglio dei Ministri

(Kawża C-122/13)

(2013/C 141/28)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale Ordinario di Firenze